MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 12/2010

**Michael Borg**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datat 8 ta' Novembru 2010 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

1. Illi permezz ta' l-applikazzjoni numru PA 2393/06, Michael Borg applika biex fi proprjeta` tieghu fi Triq il-Konti R. Barbara f'Attard huwa jissanzjona "*additions and alterations and request change of use to residential of semi-basement level.*"

2. Illi din l-applikazzjoni giet rifjutata mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp ghar-ragunijiet indikati a fol. 1 tad- decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar, mil-liema decizjoni qieghed isir l-appell odjern, u kopja ta' liema qieghda annessa.

3. Illi l-applikant interpona appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u talab li l-permess mitlub minnu ghandu jinhareg.

4. Illi l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, fir-risposta taghha quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, talbet li d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp ghandha tigi konfermata, u li l-appell ghandu jigi michud.

5. Illi permezz ta' decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fit-22 ta' Ottubru 2010 (PAB 21/07 ISB) l-istess Bord iddecieda billi laqa' l-appell interpost mill-appellant u ordna li l-istess appellant jinhariglu l-permess mitlub minnu.

Illi l-esponent ihoss ruhhu aggravat minn din id-decizjoni u ghaldaqstant qiehed jinterponi dan l-appell quddiem din l-Onorabbli Qorti:

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi bir-rispett kollu, fl-umli opinjoni ta l-esponenti l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar m'ghandux is-setgha li jiddeciedi li jiddipartixxi mill-provvedimenti tal-Pjan ta' Struttura u tal-Pjan Lokali ghaz-zona fejn jinsab is-sit in kwistjoni. Fil-fatt bid-decizjoni tieghu l-Bord kien qieghed jagixxi *ultra vires* stante li l-Att dwar l-Izvilupp tal-Ippjanar (il-Ligi) li jikkonferixxi s-setgha lill-Bord sabiex jisma' u jiddetermina appelli minn decizjonijiet tal-Awtorita', fl-**artikolu 15 (12)** jaghmilha cara illi:

"*...the Board **shall** ensure that it complies with the provisions of sub articles (1) and (2) of article 33 in reviewing decisions of the Authority ".*

Illi l-**artikolu 33 (1)** jistipula illi:

*"In its determination upon an application the Authority* (ii b'applikazzjoni tal-**artikolu 15 (12)** hawn fuq citat, anki il-Bord), ***shall:***

*(a) apply the following:-*

*i. development plans*.......

*ii. planning policies"*

Illi *development plans*, a tenur tal-**artikolu 2 tal-Ligi**, jinkludu *structure plan, subject plans, local plans action plans and development briefs.*

Ghaldaqstant, l-applikazzjoni kongunta ta' dawn id-dispozizzjonijiet timponi obbligu fuq il-Bord - fil-fatt fiz-zewg dispozizzjonijiet tintuza l-kelma **"shall"** - illi japplika l-provvedimenti tal-Pjan ta' Struttura u tal-Pjan Lokali li ghandhom jinqraw flimkien mal-*Policy and Design Guidelines* applikabbli ghall-istess zona fejn ikun sitwat l-izvilupp propost b'mod mandatorju.

Illi fil-fatt, l-Awtorita` appellanta applikat il-provvedimenti tal-*Pjan ta' Struttura u tal-Pjan Lokali kombinat mal-Policy 3.2 Detached and semi-detached Villas tad-Development Control Policy and Design Guidelines tas-sena 2005,* fir-rifjut taghha ghall-applikazzjoni, u dan kif jirrizulta ampjament mir-ragunijiet moghtija mill-istess Awtorita` fid-decizjoni taghha ghar-rifjut tal- applikazzjoni.

Illi fil-kaz odjern il-Bord wasal ghad-decizjoni tieghu li jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp limitatament minhabba valutazzjoni fattwali maghmula mill-istess Bord illi l-Perit tal-applikant sema' li kienu inhargu permessi simili, illi s-sit *de quo* kien barriera qabel ma sar l-izvilupp, illi fil-fatt l-izvilupp diga` qieghed jintuza bhala residenza, illi l-post huwa mdawwal u ventilat tajjeb u z-zieda ta' zewg residenzi m'hijiex ser tikkostitwixxi *bad neighbourliness*, u dan minkejja li l-

istess zvilupp imur kontra kull *policy* applikabbli ghas-sit *de quo*.

Li kieku l-Bord applika l-provvedimenti tal-Pjan ta' Struttura, tal-Pjan Lokali u tal-*Policy and Design Guidelines*, kif kien obbligat li jaghmel, ghal dik iz- zona, liema provvedimenti il-Bord kien konxju li kellu japplika, kien ikun car illi l-izvilupp propost qatt ma seta' jigi approvat. U dan peress li l-ebda zvilupp ta' dan it-tip ma kien permessibbli, kif ukoll il- provvedimenti ta' dawn il-*Pjani u l-Guidelines* li ma jippermettux tip ta' zvilupp bhal dak in kwestjoni f'zona bhal dik mertu tal-vertenza odjerna.

Illi dawn il-punti diga` gew ikkunsidrati u decizi minn din il-Onorabbli Qorti fl-appelli fl-ismijiet:

• **Alexander Agius vs. DCC** (Rikors numru 2/03 RCP) deciz fit-13 ta' Ottubru 2003; u
• **Van den Bossche vs. DCC et** (Rikors numru 44/02 RCP) deciz fis-26 ta' Frar 2004;
• **Schembri et. vs. Kummissjoni** (Rikors numru 12/04 RCP) deciz 27 ta' April 2006, fejn fuq konstatazzjoni tista tghid identika ghal dik odjerna, din l-Onorabbli Qorti ikkonkludiet hekk:

*Illi din il-Qorti thoss li b 'dan il-mod d-disposizzjonijiet ta'* ***artikoli 15 (12) u 33 (1) u (2) tal-Kap 356*** *gew ghal kollox injorati tant li fil-fatt ma hemm l-ebda spjegazzjoni fl-istess sentenza ghaliex tali policies formanti parti mill-Pjan ta' Struttura u msemmija fid-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp ma kienux applikabbli - anzi thoss li tali policies li l-istess Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar skont l-istess artikoli kellu japplika gew ghal kollox injorati, u certament li motivazzjoni tal-istess Bord bl-ebda mod ma trattat l-istess, anzi injorat ukoll it-Temporary Provisions Schemes anke rigward l-gholi tal-bini, haga li assolutament l-istess Bord huma pprojibiti li jagmlu taht id-disposizzjonijiet ta****l-artikolu 33 (1) u (2) tal-Kap 356.***

• **Thomas Bason vs. Kummissjoni** (Appell Inferjuri) 28 ta' Frar 2006;

• **Anthony Ciappara vs. Kummissjoni** (Appell Inferjuri 11/04 RCP) 28 ta' Gunju 2006;
• **Matthew Vella vs. Awtorita`** (Appell Inferjuri 1/05 RCP) 30 ta' Marzu 2006

Ghaldaqstant id-decizjoni tal-Bord hija *ultra vires* is-setghat moghtija lilu mill-Att li jwaqqaf l-istess Bord *stante* li l-Bord ma applikax il-provvedimenti tal-Pjan ta' Struttura, tal-Pjan Lokali u tal-*Policy and Design Guidelines* skont kif titlob l-istess ligi.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-esponenti bir-rispett kollu titlob li din l-Onorabbli Qorti ghandha thassar u tirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru 2010 fl-ismijiet premessi, u tikkonferma r-rifjut moghti mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-2 ta' Marzu 2011.

Rat ir-risposta tal-appell ta' l-appellat Michael Borg datata 17 ta' Novembru 2010 a fol 12 tal-process fejn espona:-

Illi d-decizjoni appellata hija gusta u timmerita konferma;

Illi l-appell in kwistjoni ma juri l-ebda punt ta' dritt u ghallhekk huwa null u bla bazi;

Fil-fatt l-appelllant jilmenta li l-Bord applikat l-'policies' hazin. L-appellant jekwipara l-*policies* ma' ligi. Fil-fatt hemm distinzjoni importanti bejn ligi u *policy*; kieku l-awtorita` riedet li l-*'policies'* japplikaw bhala ligi kienet issejhilhom regolamenti u mhux *'policies'*. Id-differenza importanti hija li waqt li regolament irid jigi applikat f'kull kaz minnghajr distinzjoni l-posizzjoni tal-awtorita` dwar 'policies' huwa ferm differenti. Fil-kaz ta' *'policy'* hemm process ta' evalwazzjoni li trid taghmel l-awtorita` u l-Bord; l-*policies* jkunu differenti u varji u ghallhekk ma jistghux jigu applikati bl-istess rigidita li tapplika ghal-ligi. Kieku dak kien il-kaz kien jkollok zball iehor, u cioe *'over rigid*

*adherence to policy’* li fiha innifisha skont l-awturi u d-decizzjonijiet inglizi jwassal ghan-nullita` tad-decizjoni. Meta jkun hemm *policy* li ghandha tigi applikata dik trid tigi applikata fil-parametri kollha applikabbili ghall-kaz. *Inoltre* trid tigi applikata uniformement u l-interpretazzjoni u applikazzjoni taghha trid tkun konsistenti. Huwa evidenti li dawn il-fatturi kif ukoll l-kondizzjonijiet specifici tal-fond kienu f’mohh il-Bord meta wasal ghad-decizjoni tieghu. Illi huwa evidenti li l-Bord ma ha l-ebda zball imma applika l-*‘policy’* bil-ghaqal u b’ ghajn ghal fatturi kollha rilevanti u li kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni meta gie ghad-decizjoni tieghu. Illi huwa ghallhekk li s-sentenza kienet wahda gusta u korretta u ma turi l-ebda zball ta’ ligi.

Anzi jigi sottomess li dak li qieghed jigi suggerit li jigri huwa li jkun hemm diskriminazzjoni fil-konfront tal-appellat billi l-kaz tieghu jigi trattat differentement mill-kazijiet ta’ persuni ohra. Dan fih innifsu huwa illegittimu u in vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tal-appellat li ma jigix diskriminat fit-tgawdija tal-proprjeta` tieghu.

Ghallhekk l-esponent jissottometti bir-rispett li l-appell ghandu jigi michud.

Rat in-nota tas-Segretarju tat-Tribunal tal-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 31 ta’ Jannar 2011 a fol 15 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-file tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet “**Michael Borg vs MEPA**” deciz mill-Bord.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-13 ta’ April 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Ian Vella Galea ghall-Awtorita` appellanti u l-Profs Ian Refalo ghall-appellat li nforma l-Qorti li hu nfurmnat li l-permess dwar dan il-kaz hareg, kwindi m’ hemmx interess dwar dan l-appell. Dr. Ian Vella Galea talab zmien sabiex jivverifika l-istess. L-appell gie differit ghall-21 ta’ Gunju 2011 b’dan li l-appellant ghandu jesebixxi kopja tal-permess.

Rat in-nota ta’ Michael Borg datata 19 ta’ April 2011 a fol 17 tal-process li permezz taghha pprezenta kopja tal-permess lilu mahrug (Dok “A”).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-21 ta' Gunju 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Ian Vella Galea u Ivor Robinich ghall-Awtorita` appellenti. Il-Profs Refalo u l-appellat imsejjhin diversi drabi ma dehrux. Dr. Vella Galea tratta l-appell. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' Frar 2012; u tad-29 ta' Frar 2012 fejn peress li l-Qorti kellha bzonn iktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza, l-appell gie differit ghas-sentenza ghall-15 ta' Mejju 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi dan l-appell huwa maghmul mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar peress li qed jigi sostnut li bid-decizjoni tieghu l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar mar *ultra vires* ghaliex ma applikax il-Pjan ta' Struttura u l-Pjanijiet Lokali kif kien tenut li jaghmel skond l-**artikolu 15 (12) u artikolu 33 tal-Kap. 356** u wkoll ma applikax il-*Policy 3.2 Detached and semi-detached Villas tad-Development Control Policy and Design Guideline 2005* u allura mar ultra vites u ma ddecidied il-kaz skond il-ligi.

Illi b'risposta l-appellat sostna l-ilment li l-policies gew applikati hazin ma huwiex punt ta' dritt ghaliex il-policies ma humiex ligi u tali policies ma jistawx u lanqas ghandhom jigi applikati b'mod rigidu.

Illi l-mertu tal-vertenza odjerna kien rifjut tal-permezz PA 2396/06 ghall bini ta' *maisonettes* A & B, Triq il-Konti R. Barbara, Attard u fil-fatt dan kien gie rifjutat mill-Kummissjoni principalment ghaliex skond il-policies vigenti f'dik l-*area* ma kienx permessibbli li jkun hemm iktar minn *"2 habitable units in a villa area"* u dan skond *Policy 3.2. tal-istess Policy and Design Guidelines 2005.* Fil-fatt f'dik l-*area* hemm limitu ghall zewgt sulari ghall skop ta' abitazzjoni u semi-basement, meta f'dan il-kaz

jirrizulta li dak li kien qed jintalab huwa li l-livell ta' semi basement jigi approvat ghall uzu wkoll ta' abitazzjoni u b'hekk ikun hemm tlett sulari ta' abitazzjoni, haga li ma kienitx konformi mal-*policy* applikabbli.

Illi l-applikant quddiem il-Bord semma kazi fis-Swieqi, Msida u Attard fejn huwa sostna li kien hemm rilassament ta' din il-*policy*, izda l-Awtorita' rrispondiet li dan kien dovut ghat-topografija partikolari tal-inhawi indikati u li fil-kazi citati l-izvilupp kien accessibbli minn zewg toroq li ma kienx il-kaz odjern. Skond l-Awtorita' allura ma kien hemm ebda rilassament tal-istess *policy* u fi kwalunkwe kaz il-fattispecie tal-kaz kienu differenti minn dak permess f'*area*'s ohra. Jirrizulta li dwar dan is-*semi basement* kien hemm PA 15/01 sabiex ikun hemm bdil ta' uzu minn approved stores/games rooms ghall dak ta' skop residenzjali f'dak il-livel li giet michuda u kien hemm appell dwar l-istess li kien ghadu pendenti; inhareg ukoll ECF258/06 fit-12 ta' April 2006 proprju ghaliex tali semi-basement kien qed jigi uzat ghall skop residenzjali u wara saret din l-applikazzjoni proprju sabiex jigi sanat dan l-uzu tas-semi basement ghall skop residenzjali bl-applikazzjoni PA 02393/06.

Illi l-Bord ddecieda li fis-sit *"in kwistjoni huwa wiehed partikolari meta wiehed iqies li kien hemm barriera. Iz-zieda ta' zewg residential units ohra ma jistax jitqies li jzied l-istess jew jikkostitwixxi 'bad nieghborliness". Mill access irrizulta li l-fond in kwistjoni qieghed jigi gia uzat ghal skopijiet residenzjali. Mill-access li nzamm jirrizulta li l-fond in kwistjoni huwa mdawwal tajjeb u jgawdi minn ventilazzjoni naturali ampja"* u allura ddecidiet li l-permess ghandu johrog u mponiet multa ta' 2,000 Euro.

Illi tenut kont tal-aggravji quddiem il-Bord jirrizulta li l-Bord bl-ebda mod ma tratta dak li gie sottomess quddiemu u in partikolari ghaliex ma kienx qed jimxi mal-*policies* applikabbli ghal dik l-*area* u fil-fatt f'dak li hija prezentata bhala l-unika motivazzjoni tad-decizjoni tal-Bord li giet hawn citata ma jirrizultax li dan il-punt vitali gie ghall xi mument ikkonsidrat, wisq izjed ventilat u trattat. Gie biss

injorat u dan ta aditu ghall-appell odjern mill-Awtorita' appellanti kif fuq propost.

Illi pero' issa jirrizulta li minkejja li l-Awtorita' pprezentat l-appell odjern fit-8 ta' Novembru 2010 u saret risposta tal-appell fis-17 ta'Novembru 2010 l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar harget il-permess ta' zvilupp rikjest fuq applikazzjoni PA/02393/06 fit-2 ta' Dicembru 2010 propju *"to sanction additions and alternations and request change of use to residential of semi-basement level"* u dan hareg proprju ghaliex inghad fl-istess permess li *"This permit has been acceded to as per Planning Appeals Board sitting held on 22 October 2010"* (Dok. "A" – fol. 18 sa 20), li hija proprju d-data tad-decizjoni tal-Bord hawn appellata. Dan il-permess huwa iffirmat minn Marlene Attard *Head DCC Secretariat, Development Control Commission.* Dan ukoll sar ukoll wara li l-appellat hallas il-multa ta' 2,000 Euro fis-26 ta' Ottubru 2010 u inharget ricevuta datat 9 ta' Novembru 2010.

Illi f'dan il-kaz allura qed jirrizulta lill Qorti li l-Awtorita' appelanti stess minkejja l-appell taghha hawn pendenti esegwiet l-istess decizjoni tal-Bord u dan jammonta ghall akkwixxenza u hawn issir riferenza ghall dak li inghad fis-sentenza **"Il-Kummissarju tal-Pulizija vs Joseph Rizzo"** (P.A. (RCP) – 3 ta' Ottubru 2000) fejn inghad li *"l-posizzjoni hija differenti dwar il-punt imressaq mill-konvenut li l-azzjoni hija improponibbli stante li l-atturi rrinunzjaw ghad-dritt ta' impunjattiva galadarba huma akkwiexxew ghall-istess gudikat billi hallsu l-ispejjez u id-drittijiet kollha tal-kawza, ghaliex din il-Qorti hija tal-opinjoni, li tali eccezzjoni tal-konvenut ghandha wkoll tigi milqugha, stante li huwa principju generali tal-ligi, li wiehed ghandu jaghzel it-tragitt tieghu giudizzjarju, u ma jistax jekk jaqbad linja, jmur huwa stess kontra taghha. Fil-fatt huwa guridikament inkoncepibbli li wiehed isostni li sentenza hija nulla, u fl-istess waqt jaghti bidu ghal esekuzzjoni taghha jew jesegwixxi parti minnha bla almenu ma jaghmel riserva tal-posizzjoni li jista' jiehu Illi l-posizzjoni hija differenti dwar il-punt imressaq mill-konvenut li l-azzjoni hija improponibbli stante li l-atturi rrinunzjaw ghad-dritt ta' impunjattiva galadarba huma*

*akkwiexxew ghall-istess gudikat billi hallsu l-ispejjez u id-drittijiet kollha tal-kawza, ghaliex din il-Qorti hija tal-opinjoni, li tali eccezzjoni tal-konvenut ghandha wkoll tigi milqugha, stante li huwa principju generali tal-ligi, li wiehed ghandu jaghzel it-tragitt tieghu giudizzjarju, u ma jistax jekk jaqbad linja, jmmur huwa stess kontra taghha. Fil-fatt huwa guridikament inkoncepibbli li wiehed isostni li sentenza hija nulla, u fl-istess waqt jaghti bidu ghal esekuzzjoni taghha jew jesegwixxi parti minnha bla almenu ma jaghmel riserva tal-posizzjoni li jista' jiehu".* Llli dan il-principju gie ribadit fis-sentenzi **"Carmelo Stivala vs Ratan Mohnani"** (P.A. (RCP) - 23 ta' Ottubru 2001); **"Saviour Mousu' vs Form Limited"** (P.A. (RCP) – 12 ta' Dicembru 2011); **"Awtorita' tad-Djar vs Peter Paul Cutajar"** (P.A. (RCP) – 24 ta' Frar 2009); **"Bartolomeo Micallef vs JCR Limited et"** (P.A. (RCP) – 21 ta' Settembru 2009).

Illi mhux hekk biss izda din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Edwin Grech et vs L-Onorevoli Prim Ministru"** (11 ta' April 2011) fejn hemmhekk il-Qorti qajmet marte proprio l-kwistjoni tal-interess guridiku ta' parti fil-kawza li rriteniet li tista' tqajjem *ex officio,* u li dan ghandhu jibqa' jippersisti tul il-pendenza tal-kawza kollha u dan sar fid-dawl tal-fatt li minkejja li l-Gvern kien qed jikkontesta id-dikjarazzjoni deciza mill-Prim Istanza, *"huwa fil-fatt <u>hallas</u> il-kumpens marbut ma' tali dikjarazzjoni, u hallsu skont il-kriterji li stabilliet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha"……Darba li l-Gvern accetta li jhallas kumpens <u>a bazi tas-sentenza,</u> dan ifisser li implicitament accetta d-dikjarazzjoni li waslet ghall-ordni tal-hlas. <u>Ma jistax il-Gvern, f'dan l-istadju, jikkontesta d-dikjarazzjoni li nghatat, meta accetta li jhallas il-kumpens li gie likwidat a bazi ta' dik id-dikjarazjoni".</u>*

Illi applikati dawn il-principji ghal dan il-kaz jidher li l-Awtorita' appellata qed tappella meta hija stess fil-mori harget il-permess *proprio* kif indikat u skond u kif ordnat fid-decizjoni tal-Bord hawn mertu ta' dan l-appell, u allura fid-dawl ta' dan din il-Qorti thoss li l-Awtorita' bil-hrug ta' tali permess akkwiexxiet ghall-istess decizjoni u accettat l-

istess decizjoni, u b'hekk pregudikat b'mod irremedjabbli l-appell minnha propost ghaliex certament li l-istess posizzjonijiet minnha assunti (fl-appell u bil-hrug tal-permess) huma diametrikament kontra xulxin u allura l-interess guridiku tal-istess Awtorita' appellanti llum spicca. Certament li dan mhux il-mod ta' kif ebda persuna u iktar u iktar Awtorita' ghandha tagixxi kemm fid-dawl ta' procedura u konsistenza, izda din il-Qorti fil-waqt li tissottolinea dan, ma tistax ma tiehux konjizzjoni ta' tali hrug tal-permess proprju fil-mori ta' dan l-appell, u allura abbazi tal-istess hrug tal-permess, u l-konsegwenzi tal-istess hawn decizi, qed tichad l-appell interpost mill-Awtorita' appellanti, ghalkemm din il-Qorti thoss li huwa doveruz li jinghad minnha li l-istess Awtorita' ghandha tezamina sew dak li gara f'dan il-kaz u l-fattispecie tal-istess, inkluz is-sinifikat tal-istess fid-dawl tal-operat taghha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tiddikjara li l-Awtorita' appellanti minhabba l-hrug tal-permess hawn indikat f'din is-sentenza, jirrizulta li ma ghadx ghandha interess guridiku necessarju sabiex tippersisti bl-appell taghha minnha prezentat, u dan kif sollevat mill-appellat fis-seduta tat-13 ta' April 2011, u ghalhekk tichad l-appell interpost mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 8 ta' Novembru 2010 ghar-ragunijiet hawn decizi, u konsegwentement tikkonferma d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar datata 22 ta' Ottubru 2010 fl-ismijiet "Michael Borg vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" (PAB21/07/ISB).**

**Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar appellanti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------